# tad-De Paule

mahrug mill-Kummissjoni Zghazagh De Paule bil-kollaborazzjoni tal-Partitarji De Paule

Harga Nru. 4 - Dicembru 2008




De pagemaker 1 12/11/08, 10:52 AM

# Velton Ltd

Ghad-dilettanti tal-Festi

**Lampi tal-Kulur jew Ċari**

15 watts u 25 watts

**Mob: 9949 7336**




# Editorjal

minn André Grima

•Għaddiet sena oħra, nistgħu ngħidu wkoll l-ewwel sena minn mindu dan il-fuljett beda joħrog għalikom il-partitarji, membri u sostenituri tas-Soċjeta Fil. De Paule. Bla dubju ta' xejn dan il-fuljett intgħoġob u ntlaqgħat ferm tajjeb, għax minnu ħarġu bosta artikli interessanti. Kellna ntervisti ma personalitajiet importanti fis-soċjeta, storja, avvenimenti u ġrajjiet kurrenti, barra l-bosta ritratti b'attivitajiet li jsiru matul is-sena.

Kienet sena oħra ta' ħidma kontinwa, mimlija b' ferħ, suċċessi, ħbiberija, tbatijiet u anke sagrifiċċji kbar. Dan kollu jsir b'imħabba lejn din is-Socjeta u r-Raħal li aħna nirrapreżentaw. Bosta żgħażagħ, ġuvintur u tfajliet, kif ukoll adulti jgħinu matul is-sena kollha, min ħafna u min jagħti dik id-daqqa t'id żghira li wkoll hi apprezzata. Hemm min jaghmel xogħol li jidher, iżda hemm ukoll ħafna li jagħmlu xogħol minn taħt, li ħadd ma jkun jaf bih, iżda hu bżonjuż ħafna. Għandna nkunu kburin b'dak kollu li nagħmlu, dejjem jekk aħna nitfgħu l-interess tas-Soċjeta fuq quddiem qabel l-interessi tagħna. Ta' dan kollu, aħna nirringrazzjawkom u nħegguwkom tkomplu sejrin hekk għall-ġid u s-suċċess tas-Soċjeta, għax jekk ma nkunux ilkoll flimkien, il-ħajja tas-Soċjeta tispiċċa.

Nistgħu ngħidu li kienet sena mimlija daqs bajda, bejn xi attivita u oħra, xi spettaklu, tournament, Milied, Gimgħa l-Kbira u l-Irxoxt, festa, anniversarji, kunċerti u bosta attivitajiet oħra li jindukraw id-djarju tas-Soċjeta sena sħiħa. Minn hawnhekk għalhekk inħeġġeġ lil kulħadd sabiex ikompli jagħti sehmu fit-twettiq ta' progetti li s-Soċjeta de Paule għandha għall-futur. Importanti li min ghadu ma hallas il-menswalita għas-sena 2008-2009 jagħmel dan ħa nkomplu nkabru l-familja tas-Soċjeta. Il-koperazzjoni u l-attendenza fl-attivitajiet li għandna huma t'importanza kbira għalina. Ejjew, ha nitfgħu rasna hemm kif ġa qed nagħmlu, ħalli kif kulħadd jaf, il-preparazzjoni t'issa tissarraf f'suċċess u festi kbar fiċ-ċentinarji mit-twaqqif tal-parroċċa Kristu Re f'Casal Paula.

Setting: Stefan Zahra    Stampat : Print Right - Marsa



Il-Kummissjoni Żgħażagħ De Paule
flimkien mal-Bord Editorjali
u l-fergħat kollha fi ħdan
is-Soċjeta Fil. G.M. Antoine De Paule
BANDA KRISTU RE
jawguraw Milied Hieni u Sena t-tajba
lil kulħadd.



De pagemaker 3 12/11/08, 10:52 AM

# Il-Kelma tal-President

Hbieb,

Wasal Milied ieħor u nerġa' nagħtikom merħba għal din il-ħarġa ta'dan il-fuljett informattiv dwar l-attivitajiet li jseħħu fis-soċjeta tagħna. Il-Milied iġib miegħu għeluq is-sena u għalhekk tajjeb li nirreflettu ftit fuq dak li għamilna matul dawn l-aħħar tnax -il xahar. Din is sena iċċelebrajna il-110 sena mit-twaqqif tas-soċjeta kif ukoll l-10 sena mill-miġja fostna tal-istatwa melaviljuża ta' Kristu Re. Għamilna attivitajiet sbieħ f'Ġunju li wasluna biex niċċelebraw festa mill-isbaħ li għalaqniha bit-tlugħ tal-bandiera tas-soċeta - rigal taż-Żgħażagħ partitarji De Paule lill-istess Soċeta.

Dawn iż-żminijiet huma wkoll gimgħat t' xogħol ta' armar tal-milied mhux biss f'Raħal Ġdid iżda wkoll f'postijiet oħra barra mir-raħal. Barra minn dan, wara s-suċċess kbir li kellna is-sena l-oħra, hemm ukoll it-tieni edizzjoni tal-attivita Milied Imdawwal. Minkejja x-xogħol kbir li jkollna f'dawn iż-żminijiet tal-milied, xorta waħda instab il-ħin biex intom tkunu mgħarfa bil-ħidma tas-soċjeta – riflessjoni tal-ħeġġa, entużjażmu, inizjattiva u ħidma bla waqfien tal-partitarji tagħna. Dan huwa dak li jagħmilna dak li aħna!

Ma nistax ma nieħux din l-okkażżoni biex nirringrazzja lill-partitarji kollha għax-xogħol kontinwu tagħhom u lill-Kumitat għall-appoġġ kontinwu tiegħu għall-attivitajiet li tellgħu iż-żgħażagħ. Nirringrazzja wkoll lill-isponsor u 'il-benefatturi kollha għall-appoġġ tagħhom matul is-sena.

Nawgura Milied ħieni u Sena ġdida mimlija b'dak kollu li tixtieq il-qalb tal-membri, partitarji u attivisti tal-każin u l-familji tagħhom.

***Dr Ray Busuttil***

# Inħobbkom! *minn Joseph Buttigieg*

•Alla jitkellem b'mod sempliċi. Forsi għalhekk ftit nifhmuh, għax nippretendu li jkellimna bil-lingwaċċ tqil u kumplikat li kultant jużaw l-esperti. U għalhekk nitqarrqu, għax Alla tagħna jaħsibha xorta oħra.



Meta ried jgħidilna l-isbaħ verità, Alla qalilna l-iktar kelma sempliċi: **"Inħobbkom!"** u qalhielna bl-iktar lingwa li faċli tiftiehem: il-lingwa tal-umanità. Sar tarbija dipendenti fuq ħaddieħor, biex iħoss dak li nħossu aħna u jġarrab dak li nġarrbu aħna, biex jifraħ u jitnikket bħalna u biex jaqsam magħna l-esperjenzi l-iktar komuni li jafu jkunu wkoll l-iktar speċjali. Bl-umanità tiegħu, Alla refa' l-umanità tagħna u libbisha b'dinjità li ma titfissirx bil-kliem. Din id-dinjità hija d-dinjità tal-imħabba, l-isbaħ kwalità li l-bniedem huwa msejjaħ biex iħaddan. Il-bniedem għamel bosta skoperti u kisbiet tul l-istorja tiegħu – sa fuq il-qamar tela' – imma l-ebda waħda minnhom ma tiġi qabel il-fatt li jista' jsejjaħ lil Alla nnifsu, "ħija!" Dal-Milied ejjew nieqfu quddiem xi xbiha tal-Bambin fil-maxtura u nitolbuh jagħtina li nemmnu f'dan il-misteru kbir u sempliċi: li Alla tagħna jħobb tassew.



De pagemaker 4 12/11/08, 10:52 AM







•Fir-ritratt fuq: naraw uhud mill-Partitarji de Paule jakkumpanjaw l-istatwa Meraviljuża ta' Kristu Re fl-okkażżjoni tal-Kunċert li sar għall-Foundation Day.Fl-isfond naraw il-bandiera li żżanżnet għall-festa ta din is-sena, rigal tal-Kummissjoni Żgħażagħ lis-Soċjeta. Fil-Ġemb l-ieħor naraw uħud mill-Partitarji jakkumpanjaw id-dħul tal-vara titulari ta' Kristu Re f' nhar il-Festa.Taħtu naraw il-preżentazzjoni b'tifkira żgħira lil wieħed mill-benefatturi tas-Soċjeta tagħna, s-Sur Alfie Grech mingħand il-President tal-Partitarji de Paule Dr. Ray Busuttil.Fir-ritratti t'isfel juru l-folla numeruża ta' partitarji u ammiraturi li kienu preżenti għall-marċ grandjuż tal-Ġimgħa filgħaxija, kif ukoll uhud minn dawk li attendew għall-attivita tad-Dinner Dance fost ferħ u divertiment.

# Mill-Album tar-Ritratti





# L-Involviment tas-Soċjeta fil-

Eamon Falzon - Segretarju Partitarji D

•Kif issa kulħadd sar imdorri matul il-festi tal-Milied, toroq kummercjali u faċċati jintramaw matul dan iż-żmien sabiex isebbħu l-atmosfera li jġib miegħu dan iż-żmien.

Għaldaqstant ftit huma dawk li japprezzaw ix-xogħol kollu li jkun sar sabiex dawn id-dwal ikunu lesti sabiex finalment jinxtegħlu matul dan iż-żmien. Ix-xogħol fuqhom jibda minn kif jgħaddi s-sajf u fost oħrajn dan ikun jinkludi manutenzzjoni fuq disinji li diġa jkunu ntużaw, xogħol ta' ħadid għal-oħrajn ġodda, tqaxxier u żebgħa mill-ġdid ta bozoz u anke ammont konsiderevoli ta xogħol ta liedna u fustuni. Dan kollu ma jkunx possibbli kieku ma jkunx għal ammont ta' nies li jagħtu daqqa t'id sabiex dan kollu jkun jista jsir.

Ma dan it-tiżjin, sas-sena li għaddiet kien hemm ukoll marbuta, kompetizzjonijiet li jiġu organizzatai mil-Kumitat Festi Nazzjonali fosthom għat-toroq kummmerċjali u oħra għal isbaħ faċċati ta' ċentri fl-rħula maltin. Tista' tgħid li s-Soċjeta tagħna bdiet l-ewwel armar ta' disinji tal-Milied fuq barra, 12 il-sena ilu, fl-1996 meta dak iż-żmien kienet bdiet tiġi armata l-faċċata tal-Kazin. Minn dak iż-żmien l-hawn, qatt ma ħarisna lura u komplejna narmaw kull sena. L-armar prinċipali dejjem kien iffukat fuq il-Pjazza u l-faċċata tal-każin. Ftit tas-snin ilu kien intlaħaq ftehim mas-Soċjeta l-oħra f'Raħal Ġdid sabiex il-Pjazza n-naha ta' isfel u n-naha ta fuq jiġu alternati bejn iż-żewg għaqdiet darba kull wieħed filwaqt li Triq Palma tintrama minnha u Tarxein Road mis-Soċjeta l-oħra.



Dan il-ftehim għadu japplika sal-lum. Intant matul dawn l-aħħar 12 il-sena kienu d-diversi s-suċċessi u s-sodisfazzjon li ksibna fil-kompetizzjonijiet li semmejt aktar kmieni u dawn kienu kif imsemmi hawn taht:



**1996** It-tieni post bil-Faċċata tal-Każin

**1998** It-tielet bil-Faċċata tal-Każin

**1999** It-tielet bil-Faċċata tal-Każin

**2000** It-tieni bil-Faccata tal-Każin u t-3 bl-armar tal-Pjazza.

**2001** L-ewwel post bil-Faċċata tal-Każin.

**2002** It-tieni post bil-Faċċata tal-Każin.

**2003** L-ewwel post bil-Faċċata tal-Każin u t-3 bi Triq Bormla

**2004** L-ewwel post bil-Faċċata tal-Kazin





De pagemaker 6 12/11/08, 10:53 AM

# as-Soċjeta fil-Festi tal-Milied

Falzon - Segretarju Partitarji De Paule







**2005** L-ewwel post bil-Faċċata tal-Kazin
**2006** L-ewwel post bil-Faċċata tal-Kazin, l-1 post bi Triq Palma u t-2 post bil-Pjazza naha ta' isfel.
**2007** L-ewwel post bil-Pjazza Parti ta fuq, t-2 bi Triq Palma u t-2 post bil-faċċata tal-Każin

Intant matul dawn l-aħħar snin iddeċidejna li nespandu u niddevirsifikaw xi ftit ukoll u issa apparti Raħal Gdid qegħdin narmaw fi rħula oħra, Kunsilli Lokali, fi stabbilimenti kummerċjali u anke Lukandi prestigjuzi. Dan allura jizgura wkoll li jkollna dħul biżżejjed sabiex inwettqu l-progetti li jkollna min-sena għal ohra. Min din is-sena intant ta min jghid ukoll li l-kompetizzjonijiet tat-toroq u tal-faċċati mhux ser jibqgħu jsiru u għalhekk ma hemm l-ebda premjijiet involuti.

Intant ta min jghid ukoll li matul dan il-perjodu il-membri tagħna ikunu impenjati mhux biss b'dan kollhu li semmejna imma wkoll b'diversi attivitajiet li jsiru.
Matul iż-żmien ittellgħu Christmas Cake Competitions, Parties għat-tfal, Dinner Dances, New Year's Eve Receptions, Wirjiet ta Presepji, kompetizzjonijiet għal-isbaħ Bambin u Presepju u anke attivitajiet soċjali oħra u dan biex ma nsemmux ukoll il-Home Concerts tant sbieħ li jsiru mill-Banda ġewwa s-sala tal-Każin. Dawn dejjem għenu sabiex il-membri tagħna kienu dejjem magħquda flimkien fl-ispirtu sabieħ ta dawn il-festi.

Ma nistgħux nsemmu l-Milied u ma nsemmux attivita li twieldet is-sena l-oħra, bl-isem ta Milied Imdawwal, u li kienet ta suċċess tant kbir li qed terġa tittella din is-sena. Din is-sena din l-attivita ser tigi organizzata s-Sibt 20 ta Diċembru.

Dawk kollha li attendew is-sena l-oħra jafu x-tizwieqa ta personalitajiet, kantanti u mużicisti kienu involuti f'din l-attivita u kif kulhadd sab xi ħaga tgħodd għal-gosti tiegħu. Matul dan il-jum il-ħwienet tal-lokal jibqgħu miftuha sa tard bil-lejl u jikkumplimentaw id-diversi attivitajiet li jkunu qed jittellgħu fuq it-3 stages li jintramaw bejn il-Pjazza naha ta isfel u naha ta fuq. Din is-sena din l-attivita ser tkun akbar u isbaħ u zgur li mhux ta min jitlifha!

Intant wara dik il-ħarsa fuq fuq, dwar il-Milied u l-involviment tas-Soċjeta matul dan iż-żmein, ma fadalli xejn x'ngħidilkom ħlief li nixtieqilkom il-festi t-tajba u nittama li niltaqgħu f'xi waħda mill-attivitajiet imsemmija.

Grazzi tal-appoġġ kontinwu tagħkom.



De pagemaker 7 12/11/08, 10:53 AM

# Niltaqgħu ma'...

## SANDRO CAMILLERI (il-Marley) - minn Clive Pace

***X'tista tgħidilna fuq il-passat tal-każin, kif kien u kif evolva matul dawn snin ta' ħidma fi ħdan il-każin?***

Jiena bdejt nattendi l-każin għal-ħabta tal-1980, meta kien għad kelli biss għaxar snin. Dak iż-żmien il-Banda kienet immexxija mis-Surmast Xuereb u l-President kien is-Sur Carmelo Dimech. F'dak iż-żmien kont student tal-mużika fi ħdan il-Banda tal-każin u niftakar li waqt il-ħin tal-lezzjoni tal-Banda kien ikun hemm il-membri tal-każin fil-kamra ta' fuq.



Għal-ħabta tas-sena 1991, konna grupp żgħażagħ li tħajjarna niffurmaw Kummissjoni Żgħażagħ. Kien propju l-President tal-Każin tal-lum il-ġurnata li ħeggigna biex ngħaqdu din il-Kummissjoni. U hekk gara, iffurmajna il-Kummissjoni Żgħażagħ li għadha mwqqfa sal-llum. F'din l-Kummisjoni jien kont inkarigat mill-pożizzjoni tat-tieni President tal-Kummissjoni. Fil-bidu li kienet iffurmata din il-Kummissjoni, ma konniex norganizzaw attivitajiet bħal ma jorganizzaw iż-żgħażagħ tal-llum il-ġurnata. Niftakar li għall-festi tal-Milied ta' l-1992 konna iddubajna '*Silouhette*' mill-MUSEUM, kabbarniha u ddeċidejna li narmaw il-gallarija tal-kazin biha. Għall-festi tal-Milied konna wkoll norganizzaw '*Dinner Dance*' ġo lukanda. Dak iż-żmien il-festa ma kellix il-livell li għandha llum il-ġurnata. Niftakar konna għamilna l-pilandri bil-palm u konna narmawhom ġol-pjazza. Il-faċċata tal-każin ma kinietx tintrama' kif narmawha llum il-ġurnata. Nista' ngħid li l-izvolta fl-armar saret meta bdejna l-manutenzzjoni u t-tisbieħ tal-każin. Ix-xogħol fl-armar inbidel ħafna u qed jinħareg armar artistiku li hu maħdum mill-partitarji tagħna stess. Dan ix-xogħol qed jinħadem kollu fil-kantina li għandna llum il-ġurnata.

Dwar l-istruttura tal-każin, nista' ngħid li f'dak iż-żmien kienet xi ftit jew wisq differenti minn kif nafu il-każin illum peress li maż-żmien saru diversi manutenzjonijiet.

***F'dawn it-tmintax –il sena, liema hi l-iktar esperjenza li laqtitek u tibqa' tiftakarha?***

L-iktar esperjenza sabiħa li laqtitni hija meta ġibna z-zokk li minnu saret l-istatwa meravilja li qegħdin ingawdu llum il-ġurnata ġewwa l-każin. Hija ħaġa indimentikabbli meta ħadna iz-zokk għand l-iskultur Chev. Camilleri Cauchi. Dak iż-żmien konna veru rajna l-abbozz ta' kif kienet ġejja l-istatwa imma ħadd ma kien jimmaġina l-opra t'arti li kien ħa jkollna. Nista' ngħid li ftit hawn opri t'arti tal-livell tagħha. Żgur li ser nibqa' niftakar żewg mumenti importanti fl-istorja ta' din l-opra; l-ewwel mument hu meta ġibna l-istatwa għall-ewwel darba fil-pjazza u t-tieni mument meta erġajna ġibna l-istatwa



De pagemaker 8 12/11/08, 10:53 AM

lura mill-Imdina. F'dawn iż-żewg okkażżjonijiet jien kelli x-xort li nerfa' l-istatwa. Ħaga oħra li hija ħafna għal qalbi hija il-'Pageant' tal-Ġimgħa Mqaddsa. Għalija hi wisq għal qalbi li ninterpreta l-parti ta' Kristu fiż-żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, u nista' ngħid li hija għal qalbi tul dawn is-snin kollha.

***Fil-preżent kif taraha miexja s-Soċjeta De Paule u l-membri tagħha? Speċjalment, xi tgħidli fuq il-Partitarji De Paule?***

Bħalissa s-Soċjeta' għaddejja minn żmien tajjeb ħafna u wieħed jista' jinnota dan mis-serjeta li qed tgawdi s-Soċjeta'. Il-'Partitarji De Paule' huwa grupp ta' nies li jkopri fih il-Kummissjoni Zghazagh li jahdmu kollox b'dedikazzjoni u b'kapaċita'. Prova ta' dan hemm il-faċċata tal-każin, il-bandiera li ġiet imżanżna din is-sena u affarijiet oħrajn li jiġu mżanżna minn sena għall-oħra. Is-sezzjoni Partitarji De Paule hija sezzjoni b'saħħitha ħafna infatti hawn kumitati ċentrali f'każini ohrajn li m'għandomx din l-organizzazjoni.

***X'tixtieq tara jew isir fil-futur? Għandek xi progetti jew ħsibijiet li tixtieq tarahom iseħħu fil-ġejjieni?***

L-ikbar xewqa li għandi u naħseb li hija x-xewqa ta' kull partitarju hi li naraw il-planċier il-ġdid maħdum. Wasalna fi zmien li lħaqqna livell għoli fl-armar u bix-xieraq ikollna planċier kif mistħoqq. Wara kollox il-każin tagħna huwa kazin tal-Banda u b'hekk jixraq li l-Banda Kristu Re ikollha planċier mil-isbaħ. Ħaga oħra li nixtieq hija li nkomplu l-armar li diġa bdejna biex b'hekk ikollna xogħol komplut. Fl-aħħar nett għandi xewqa li fis-sezzjoni Partitarji De Paule terġa' tingħaqad il-kummissjoni tan-nisa.




Tinsiex taġġorna

l-**MEMBERSHIP**

li hija ta' **€5** fis-sena.

Tista' tagħmel dan
billi tfittxu lil xi membru
tal-Kumitat jew lil
André Grima
jew ibgħatu d-dettalji
b'cheque bil-posta fl-indirizz:

Soċjeta Fil. G.M. Fra Ant De Paule,120, Misraħ Antoine De Paule, Paola



De pagemaker 9 12/11/08, 10:53 AM

# Il-Milied

minn **Mark Ferris**

## L- AVVENT

•Iż-żmien ta' preparazzjoni għall-Milied insejħulu Avvent. Fl-antik, dan l-isem kien jiġi mogħti lill-festa tat-twelid ta' Ġesu' peress li dil-kelma tfisser "miġja"; iżda aktar tard, ġie mogħti l-isem ta' Avvent lill-erba' ġimgħat li jippreparawna għall-festa tal-Milied.

L-Avvent jieħu erba' ġimgħat u ma' tulhom fil-ħdud u fil-ġranet ferjali, jiġifieri f'dawk il-ġranet li fihom ma tiġi ċċelebrata l-ebda festa partikolari, il-Quddies jitqaddes bl-ilbies vjola u l-orgni ma jindaqqx. Dan isir fil-Hdud kollha tal-Avvent minbarra t-tielet wieħed li jissejjah "Gaudete", li fih jintuza l-kulur roza u jista' jindaqq ukoll l-orgni. Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent, l-Evanġelju jfakkarna fil-ġudizzju universali; fit-tlieta l-oħra jkellimna fuq San Gwann il-Battista li jheġġeġ lin-nies għall-penitenza.

## IL-MILIED

•Wara l-preparazzjoni tal-Avvent naslu għall-festa tal-Milied.Il-gurnata ezatta tat-twelid ta' Gesu' ma nafuhiex, iżda sa minn żmien antikissmu kienu jżommu l-25 ta' Diċembru bħala l-ġurnata tat-twelid.Ir-raġuni li jġibu biex jiddefendu din id-data hija li peress li l-insara kienu ċerti li Kristu miet fil-25 ta' Marzu u kienu jafu wkoll li Gesu' dam fid-dinja 33 sena eżatt mill-konċepiment sal-mewt tieghu, l-Annunzjazzjoni jew tħabbira tal-Anġlu, kienet tiġi ċċelebrata fil-25 ta' Marzu wkoll, u allura la darba nafu li Ġesu' twieled disa' xhur wara li l-anġlu ħabbar lill-Madonna, il-Milied għandu jiġi fil-25 ta' Diċembru, jiġifieri 9 xhur wara t-tħabbira.Il-Milied huwa wieħed mit-tliet festi prinċipali tas-sena Ekklezzjastika u għandu privileggi speċjali għax dak in-nhar kull qassis jista' jqaddes tliet quddisiet. Aħna l-Insara m'aħniex obbligati nisimghu tlieta, iżda waħda bizzejjed biex nissodisfaw il-precett.

## L-EPIFANIJA

•Fiż-żmien ta' wara l-festa tal-Milied niltaqgħu mall-festa ta' l-Epifanija, jew it-Tre Re u din tkun fis-6 ta' Jannar. Il-kelma "Epifanija" tfisser "manifestazzjoni" jew wirja, u fl-antik il-Knisja f'dan il-jum, kienet tiffesteġġja il-magħmudija ta' Ġesu' peress li f'din l-okkazzjoni s-Santissima Trinita' wriet fil-beraħ, biex ngħidu hekk, li Kristu kien l-Iben t'Alla, meta nstemgħet l-vuċi li qalet: "Dan hu Ibni l-maħbub li biħ jien tgħaxxaqt" (Matt. III: 13-17). Iżda anke fiż-żjara tal-Maġi hemm il-manifestazzjoni jew wirja ta' Ġesu' lit-tliet slaten li ġew mill-Lvant biex jadurawh.Il-Knisja Rumana maż-żmien ħalliet biss din it-tifkira tas-Slaten Magi u għada sal-lum tiċċelebra fis-6 ta' Jannar. il-festa tat-Tliet Rejiet.



De pagemaker 10 12/11/08, 10:53 AM




Żur il-website tagħna

www.zghazaghdepaule.com

# Attivitajiet

**6 ta' Jannar, 09**
Kunċert tal-Epifanija mill-Junior College Youth Orchestra fil-Kazin De Paule.

**15 ta' Frar, 09**
Laqgħa Generali Annwali u Elezzjoni ta' Kumitat l-ġdid tas-Soċjetà.

**28 ta' Marzu, 09**
Passjoni fit-Toroq ta' Raħal Ġdid bis-sehem tal-Banda Kristu Rè

**7 ta' April, 09**
Akkademja tal-Gimgħa l-Kbira mill-Banda Kristu Re.

**10 ta' April, 09**
Purċissjoni tal-Gimgħa Kbira bis-sehem tal-Banda Kristu Re.

**12 ta' April, 09**
Purċissjoni ta' Kristu Rxoxt bis-sehem tal-Banda Kristu Re.



L-Emblema l-ġdida tal-Kummissjoni Żgħażagħ li żżanżnet fl-ikla bejn il-ħbieb, fl-okkażżjoni tal-Festa Liturġika ta' Kristu Re 2008

Citadel Ins

advert to come